**27 ta' Marzu, 1996**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A.(Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo LL.D.**

Angelo Ellul *noe*

*versus*

Raymond Agius *noe*

## Avviż ta' Smigħ ta' Kawża - Nuqqas ta' Notifika

*Illum il-prinċipju hu li fin-nuqqas ta' notifika ta' l-avviż ta' smigħ ta' kawża din għandha tkun differita* sine die *naturalment riappuntabbli meta ssir it-talba għal tali riappuntament.*

*Għalhekk spiċċat is-sanzjoni drakonjana tar-rinunzja għall-atti u l-liġi llum ittendi biex tagħti l-opportunita' sħiħa li l-kawża ssir bla sorpiżi u mhux li ma ssirx minħabba t-teknikalita' ta' nuqqas ta' notifika.*

Il-Qorti:-

Dan hu appell minn sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tas-16 ta' Marzu, 1993. L-appell ġie introdott fit-2 ta' April, 1993. Ġie appuntat minn din il-Qorti għall-ewwel smigħ għas-seduta tal-15 ta' Marzu, 1995. L-appell ma ġiex kawtelat u fis-seduta ta' l-10 ta' April, 1995, ingħata digriet ta' deżerzjoni kemm-il darba ma jsirx id-depositu tal-garanzija sa l-20 ta' April, 1995. Kawtela li

saret fid-19 ta' April, 1995. Ma jirriżultax mill-atti min għamel id-depositu. Bħala fatt jirriżulta li l-appellant ta ruħu b'notifikat bl-avviż ta' l-appuntament tas-smigħ ta' dan l-appell b'nota fir-Reġistru ta' din il-Qorti tad-29 ta' Frar, 1996 u bid-differiment għas-27 ta' Marzu, 1996;

Infatti fis-seduta ta' l-1 ta' Novembru, 1995 ġie ssollevat il-kweżit jekk l-appell kellux jiġi ddikjarat deżert minħabba n-nuqqas ta' notifika ta' l-appellant personalment bl-avviż ta' l-appuntament a tenur tas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 906 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Hu dan il-punt li l-Qorti jeħtiġilha qabel xejn tiddeċidi;

L-appellat infatti jissottometti illi l-appell indubbjament kien ġie deżert skond il-liġi għaliex:

Jirriżulta mill-atti tal-kawża li la Paul Gambin u lanqas il-mandatarju tiegħu Raymond Agius ma qatt ġew notifikati bl-avviż tas-smigħ fiż-żmien li titlob il-liġi. Kif ingħad, l-appellant personalment ta ruħu b'notifikat fid-29 ta' Frar, 1996 - diversi xhur wara li skada t-terminu;

Skond l-atti, id-difensur ta' l-appellanti sar jaf bil-posizzjoni li fiha kienu jinstabu l-affarijiet fl-10 ta' April, 1995. Difatti skond il-verbal reġistrat fl-udjenza tal-15 ta' Mejju, 1995, jirriżulta li deheru d-difensuri rispettivi u "billi ġie skopert li Paul Gambin mhux notifikat, l-appell ġie differit għan-notifika u għat-trattazzjoni";

Illi skond il-verbal reġistrat fl-udjenza ta' l-1 ta' Novembru, 1995, meta deher id-difensur ta' l-appellant, kif ukoll l-appellat, l-appellant kien għadu mhux notifikat;

Sa hawn il-fatti kif jirrelathom l-appellant. Hemm pero` fatti oħra rilevanti li għandhom jiġu reġistrati;

L-appell ġie intavolat minn Paul Gambin personalment billi dak iż-żmien hu kien Malta. Infatti kien assuma l-atti b'nota tat-2 ta' April, 1993;

Inspjegabbilment it-taħrika għas-smigħ tal-kawża ħarġet kontra Raymond Agius bħala mandatarju ta' l-assenti Paul Gambin u kien dan li skond dik it-taħrika kellu jiġi avżat bil-Qorti illi ingħalqu l-proċeduri bil-miktub u li l-Qorti kienet iffissat is-smigħ tal-kawża għall-15 ta' Marzu, 1995. Dana fiż-żmien meta allura Raymond Agius ma kienx għadu parti fil-kawża billi kien inħareġ minnha meta Paul Gambin, il-mandanti tiegħu, assuma l-atti personalment;

Sorprendentement ukoll wara li ma ġiex notifikat l-istess Raymond Agius bl-avviż tas-smigħ ta' l-appell, dan l-avviż ġie notifikat lill-avukat ta' l-appellant fl-10 ta' April, 1995;

Sadanittant, fil-bidu ta' din is-sena, daħlu fis-seħħ parti l-kbira mill-emendi għall-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili bl-Att XXIV ta' l-1995 fosthom emenda għas-subinċiż 2 ta' l-artikolu 906;

Minn dawn il-fatti l-Qorti tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

Is-subinċiż 2 ta' l-artikolu 906 tal-Kap. 12, kif kien qabel ma ġie emendat, kien jipprovdi illi: "L-attur, l-appellant jew il-persuna li tagħmel libell għandha titqies li rtirat l-atti ppreżentati minnha

*minghajr kundizzjoni* jekk wara li ġurnata tkun ġiet stabbilita għas-*smigħ kif jingħad* fl-artikolu 152, l-avviż imsemmi fis-subartikolu 2 ta' l-*artikolu* 152 ma jkunx ġie notifikat lilu u dan in-nuqqas ta' *notifika jkun* baqa' għal aktar minn tliet xhur mid-data l-ewwel stabbilita għas-smigħ". L-avviż hu l-ordni tal-Qorti li bih *il-Marixxall* hu dirett biex javża lill-attur u lill-konvenut bid-data *tas-smigħ tal-kawża* - f'dan il-każ ta' l-appell - u bit-twissija li jekk *il-parti tonqos* li tidher fil-jum stabbilit, il-Qorti tista' tiddeċidi skond *il-ħaqq*, skond it-talba anke fl-assenza tiegħu. Ordni li hu ffirmat *mill-Imħallef.* Issa hu ovvju illi biex jibda jiddekorri t-*terminu ta' tliet* xhur stipulat fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 906 l-ordni *tal-Qorti* jrid ikun ritwali mhux biss fil-forma imma ukoll fid-*direzzjoni lil min* kellu jiġi skond il-liġi notifikat. Issa kif fuq *indikat l-avviż de quo* kien għal kollox irregolari għax ma kienx *jirreferi* għall-persuna tal-konvenut li intavolat l-appell imma għall-persuna *tal-mandatarju* tiegħu li f'dak iż-żmien kien ġie maħruġ mill-kawża *billi* l-konvenut kien assuma l-atti hu personalment. Di piu' *n-notifika* qatt ma ġiet indirizzata lill-konvenut appellant imma lill-persuna li kienet mandatarja tiegħu u li meta ġie intavolat l-appell ma kinitx għadha hekk tirrappreżentah. L-avviż kif ġie maħruġ *kien* għalhekk irritu u null kif kien irritu u null it-tentattiv tan-notifika *lil* dak li qabel kien il-mandatarju ta' l-appellant;

Interessanti li ftit ġranet wara d-digriet tal-Qorti li bih ordnat il-ħruġ ta' l-avviż għas-smigħ lill-persuna żbaljata, il-Marixxal innotifika l-istess avviż regolarment lill-avukat ta' l-appellant li aċċettah. Hu allura diskutibbli jekk tali notifika tissodisfax il-vot ta' din id-disposizzjoni in kwantu l-avukat hu meqjus li hu *ex lege* l-mandatarju tal-persuna li jippatroċinja. Dan għaliex il-liġi ma tispeċifikax kif għandha ssir in-notifika u din l-eventwalita' ma jidhirx li hi eskluża. Dan apparti una volta kif ingħad, l-avviż hu

irritu u null, għandu japplika fiċ-ċirkostanzi l-prinċipju *quod nullum est nullum producit effectum*. Ma jistax wieħed jippretendi li kellha ssir notifika fi żmien statutorju lill-appellant meta d-digriet tal-Qorti li kellu jiġi notifikat kien null. Ma jistax allura jitqies li ż-żmien iddekorra u ma jistax jingħad li japplikaw għaċ-ċirkostanzi, l-estremi tal-liġi fl-artikolu 906 li kien jimponi s-sanzjoni estrema ta' ċessjoni inkondizzjonata ta' l-atti f'każ ta' nuqqas ta' notifika lill-appellant;

Jibqa' biss x'jiġi kkunsidrat l-emenda radikali li saret reċentement għas-subinċiż (2) ta' l-artikolu 906. Dan issa ġie sostitwit bis-segwenti:

"Jekk fil-jum stabbilit għall-kawża kif imsemmi fl-artikolu <u>152 l-avviż</u> imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 152 ma jkunx ġie notifikat <u>lill-parti, lill-avukat jew lill-prokuratur legali tiegħu</u>, u dik in-notifika tkun baqgħet ma saritx għal iktar minn xahar mid-data stabbilita għall-ewwel smigħ tal-kawża, il-Qorti <u>għandha</u> tiddiferixxi dik il-kawża <u>*sine die*</u>";

Il-prinċipju llum hu allura illi fin-nuqqas ta' notifika l-kawża għanda tiġi differita *sine die* naturalment riappuntabbli meta ssir it-talba għal tali riappuntament. Spiċċat allura s-sanzjoni drakonjana tar-rinunzja għall-atti u l-liġi llum ittendi biex tagħti l-opportunita` sħiħa li l-kawża ssir bla sorpriżi u mhux li ma ssirx minħabba t-teknikalita` ta' nuqqas ta' notifika. Naturalment, dejjem fil-limiti raġonevoli għax l-istatut tad-differiment *sine die* jista' ukoll eventwalment iwassal, anke jekk b'mod iktar irpużat, għad-determinazzjoni tal-kawża f'każ ta' nuqqas ta' interess tal-kontendenti;

Jiġi rilevat li s-subinċiż (1) ta' l-artikolu 362 tal-Kap. 12 kif emendat bl-Att XXIV *ta'* l-1995 jiddisponi li "d-disposizzjonijiet tal-liġi prinċipali kif emendati b'dan l-Att ghandhom jghoddu ghall-proċeduri kollha li *jkunu pendenti quddiem* xi *qorti ... u li f'dik id-data* jkunu ghadhom pendenti u m'ghaddewx in ġudikat". Jidher allura li anke taht dan l-aspett - ukoll jekk b'mod fortunat ghall-appellant, ghax il-proċedura twalet biex tiġi deċiża u ghadha sal-lum pendenti - mhux il-każ li l-Qorti tiddikjara d-deżerzjoni ta' l-appell. Lanqas hu l-każ li tiddifferixxi *sine die* peress illi kif reġistrat fuq, l-appellant issa ta ruhu b'notifikat bl-avviż tas-smigh xieraq. Pero`, l-ispejjeż ta' dan l-inċident ghandhom ikunu a karigu ta' l-appellant li kkontribwixxa ghalih;

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tiddisponi mill-inċident billi tiddikjara illi mhux il-każ li l-appell jiġi dikjarat deżert fit-*termini* tal-liġi u tiddiferixxi s-smigh tal-kawża fil-meritu. Spejjeż ta' dan l-inċident ghall-appellant.